MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 13/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Godfrey Ellul**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-10 ta' Gunju 2004 kontra Godfrey Ellul li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina kontra l-ligi, (2) kellu fil-pussess tieghu d-

droga kokaina kontra l-ligi u f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, (3) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis kontra l-ligi, (4) kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis kontra l-ligi u f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta’ l-24 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b’seba’ (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-imsemmi Godfrey Ellul hati ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabuh hati tat-Tieni, tat-Tielet u tar-Raba’ Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza, iddikjarat lill-istess Godfrey Ellul hati talli:

1) fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2001 u s-16 ta’ Lulju 2002, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba’ Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2) fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2001 u s-16 ta’ Lulju 2002 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101), meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew

iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

3) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

4) fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(c)(d), 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17(b)(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Godfrey Ellul ghall-piena ta' tmintax-il (18) sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u ghall-multa ta' tmintax-il elf liri Maltin (Lm18,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti fi tmintax-il (18) xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' mitejn u sitta w disghin liri Maltin u hamsa w sebghin centezmi (Lm296.75) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati. Inoltre dik il-Qorti ordnat li, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota – li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li xi droga li tista' tkun esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tali droga u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li semghet ix-xiehda ta' l-Assistent Kummissarju Paul Debattista, tas-Supretendent Neil Harrison u tad-Direttur tal-Habs Supretendent Sandro Gatt, u wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur dwar il-piena, u qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet kollha dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Joseph Brincat li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti:-**

**1. Illi mill-provi li nstemghu f'dan il-guri ghalkemm il-gurati kkonkludew li teknikament kien hemm ir-reat ta' traffikar tad-droga kokajina w tar-raza tal-cannabis, zgur li ma rrizultax li l-hati kien bniedem li jinnegozja f'dawn is-sustanzi w ghalkemm id-difiza ma setghetx tinvoka l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101, l-istess Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza kien semma li mod wiehed kif kien jittraffika d-droga l-hati kien billi jaqsamha ma' haddiehor;**
**2. Illi l-persuni li kienu nvoluti ma kinux zghazagh f'dan il-kaz;**
**3. Illi l-tant il-hati ma kienx negozjant tad-droga illi huwa tkisser kemm fizikament kif ukoll billi rrovina l-patrimonju kollu li kien wiret minn ghand missieru, w ghalkemm kien hemm perjodu ta' xi hames snin li fih martu kienet irnexxielha trazznu, kien rega' waqa' ghall-vizzju tal-konsum tal-kokajina li ilu ghaddej bih xi hamsa w ghoxrin sena;**
**4. Illi ghalkemm ma kienx japplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101, mix-xhieda li taw l-ufficjali tal-Pulizija w l-ufficjal tal-habs kien jidher li hemm certu sinjal ta' irkupru da parti tal-hati w t-"tests" tal-urina tieghu li kienu jittiehdu fil-habs kemm ilu hemm dejjem irrizultaw fin-negattiv. Il-Qorti riedet tikkonsidra wkoll l-istat tas-sahha tal-hati li minkejja fih anki l-jum ta' qabel, minkejja li hassu hazin, xorta wahda hareg mill-isptar halli jitkompla l-guri.**
**Ghalhekk talab li l-Qorti taghmel gustizzja temperata bil-hniena.**

**“Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara li ghalkemm kien jaqbel li l-hniena kienet parti mill-gudizzju, f’dan il-kaz il-hati kellu hafna kundanni mill-Qrati ghall-pussess tad-droga kokajina w sahansitra f’sentenza minnhom instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali ta’ pussess tad-droga f’cirkostanzi tali li juru li dik id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu w kien gie kkundannat ghal disa’ snin prigunerija li ghadu qed jiskonta sal-lum. Minn dan jidher li kien il-habs biss li zammu milli jkompli ghaddej mill-abbuz tad-droga minkejja d-diversi opportunitajiet li kienu tawh il-Qrati.**

**“Jekk imbaghad il-hati tkisser fizikament u finanzjarjament dan kollu gabu b’idejh u kif jinghad bit-Taljan *“Chi e` causa del suo mal, pianga se stesso”.* Inoltre barra li ghamel hsara lilu nnifsu l-hati ghamel hafna hsara lil haddiehor. F’dan il-kaz kien hemm zewg tfajliet Russi li jidher li kien qed irressaqhom ghall-abbuz tad-droga ghall-iskopijiet immorali tieghu. Kien hemm ukoll l-anzjan Chappelle li rrovina ruhhu bil-flus li hallas lill-hati.**

**“F’din il-kawza l-hati ghandu zewg dikjarazzjonijiet ta’ htija ta’ traffikar ta’ zewg tipi ta’ drogi u fil-kaz tat-Tielet Kap li jirrigwarda t-traffikar tar-raza tal-cannabis hemm involuta kwantita kbira ta’ 1223 grammi li kellha valur ta’ madwar erbat elef lira w din zgur li kienet ser tinxtered fost is-socjeta` Maltija.**

**“Il-hati kellu l-fama li kien il-*‘king’* tal-kokajina f’Malta w minkejja l-kundanni ripetuti mill-Qrati kompla, kompla w kompla jisfida l-ligi sakemm spicca fejn wasal illum.**

**“F’dan il-kaz il-verdett ta’ htija fuq tlitt Kapi kien ta’ tmin (8) voti kontra wiehed u cioe` kwazi unanimu.**

**“Ghalhekk il-piena riedet tirrispekja l-gravita` tal-kaz.**

**“Ikkonsidrat**

**"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza li minnha jirrizulta li apparti reati ta' traffiku, il-hati ghandu tmien kundanni ghall-pussess semplici tad-droga kokajina w sahansitra kundanna mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghal pussess aggravat tad-droga eroina w pussess semplici tad-droga kokajina w kien gie kkundannat ghal disa' snin prigunerija.**

**"Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li t-Tieni Kap ghal fini ta' piena huwa assorbit fl-Ewwel Kap u r-Raba' Kap huwa assorbit fit-Tielet Kap a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali peress li r-reati kontemplati fit-Tieni w fir-Raba' Kap servew bhala mezz biex setghu jigu kommessi r-reati msemmija fl-Ewwel u fit-Tielet Kap rispettivament.**

**"Illi skond l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata taht l-erba' Kapi tal-Att ta' l-Akkuza li taghhom Ellul instab hati hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor ghal kull Kap, izda, skond il-proviso (aa) tal-istess sub-inciz, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat, u c-cirkostanzi l-ohra tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu (proviso (bb)), il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ghal kull Kap, s'intendi bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.**

**"Fil-waqt li l-Qorti hadet il-fatturi kollha msemmija mill-Avukat Difensur favur l-akkuzat, mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li b'eghmilu l-hati, kien qed ixerred il-qerda fost persuni ohra, b'mod li kien qed jghin biex ikompli jgib rovina fis-socjeta` li kull**

**ma jmur aktar qed tinhakem bil-mewga qerrieda tad-droga. Il-kwantita` tad-droga raza tal-cannabis li l-hati rrizulta li kellu fil-pussess tieghu kienet wahda sostanzjali."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Godfrey Ellulipprezentat fit-30 ta' Ottubru 2007 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tat-22 ta' Ottubru 2007 dwar il-qari tad-deposizzjoni ta' Iryna Negorodova u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha dwar it-tieni u r-raba' Kapi dwar il-pussess semplici u xjenti tal-kokajina u tal-cannabis rispettivament fiz-zewg Kapi, u tirrevokaha fiz-zewg Kapi msemmija dwar l-aggravanti li l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant, (b) tirrevokaha kompletament fuq l-Ewwel u t-Tielet Kapi, (c) konsegwentement taghti piena li aktar taghmel ghall-kaz u (d) tirriformaha dwar il-piena fi kwalunkwe kaz billi tinghata piena li hija aktar konsona ma' l-elementi li jirrizultaw legalment u skond il-ligi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni fid-diversi udjenzi; rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar 2009 li permezz tieghu nnominat lill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri sabiex thejji *social inquiry report* ta' l-appellant; rat l-istess *social inquiry report*; ikkunsidrat:

**6.** L-appellant ghandu diversi aggravji li bihom qieghed isostni illi kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kif ukoll li nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kaz. Inoltre ghandu l-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena. L-aggravji se jigu kkunsidrati *seriatim* kif esposti fir-rikors ta' appell.

**7.** Dwar <u>l-Ewwel Kap</u> l-appellant jilmenta (1) li l-ewwel Qorti indirizzat lill-gurati li setghu jsibu htija anke fuq spacc lil persuni mhux imsemmija fl-Att ta' Akkuza, u dan minghajr ma kienet saret l-ebda korrezzjoni fl-Att ta' Akkuza, (2) li l-ewwel Qorti, minghajr ebda korrezzjoni, halliet il-gurati jiddeciedu li kien hemm spacc ta' droga lil Nigarokua, persuna li ma tezistix, (3) li bid-digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2007 kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi u ghalhekk dak il-qari ma kienx permess mil-ligi, u (4) dwar l-interpretazzjoni ta' l-

ewwel Qorti li “easy accessibility” minghajr konsenja konsapevoli ta’ droga jammonta ghal spacc.

**8.** Dwar l-ewwel ilment l-appellant jghid li l-Ewwel Kap kien dak li kien u kif miktub, u seta’ biss jiddefendi ruhu fuq id-dettal ta’ fatt hemm indikat. Kif inhu miktub, jghid l-appellant, l-Ewwel Kap jindika b’mod definittiv li l-ispacc sar lit-tliet persuni hemm imsemmija. Biex jista’ jiddefendi ruhu sewwa, “l-akkuzat irid ikun jaf lil min spaccja”. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti f’dar-rigward ghamlet zewg zbalji ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi waqt l-indirizz:

“L-ewwel Qorti qalet li kwistjoni dwar zbalji kellhom jitqajmu bhala nullita` tal-kap tal-akkuza. Dan mhux korrett, ghaliex l-unika eccezzjoni li tista’ titqajjem hija meta jkun hemm dissonanza bejn il-fatt u r-reat, meta l-fatt jghid storja mod u jkun definit fil-parti akkuzatorja bhala reat iehor, elementi ta’ fatt kostitutivi ta’ reat u l-imputazzjoni tkun ta’ reat divers. Din hija l-gurisprudenza kostanti. Meta ma hemmx dissonanza bhal dik, huma l-gurati li jridu jaraw jekk jirrizultawx il-fatti deskritti fil-parti espositiva.

“It-tieni zball ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi kienet li l-gurati setghu jdahhlu mhux biss spacc dwar il-persuna msemmija imma wkoll persuni ohra li ddeponew waqt is-smiegh. Dan kien jinkludi zewg persuni ohra fil-kaz partikolari li ma kinux msemmija fl-akkuza, cioe` Ian Ciantar u Francis Chappell. Dwar Ian Ciantar il-prosekuzzjoni dehrilha fid-decizjoni insindakabbli taghha li takkuza dwaru fit-tielet kap imma mhux fl-ewwel kap. Mhux eskluz li l-Avukat Generali kien konvint li kien Ian Ciantar li kien qed ibiegh il-kokajina lil Godfrey Ellul u mhux bil-maqlub, specjalment meta ra c-cheque a fol 174 tal-kumpilazzjoni. Il-Qorti ndirizzat ghalhekk ‘ultra petita’. Aktar imbaghad l-istess ghandu jinghad dwar Francis Chappell. Hadd ma kien jaf x’se jghid fil-guri, u ghalhekk ma jistax jinghad li hu kien inkluz fl-espressjoni generika.”

**9.** L-appellant jghid illi l-prosekuzzjoni ma tistax tirrizerva sorprizi. Il-precett tal-Kodici Kriminali, tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 ghandu jqieghed lill-akkuzat fi zmien

ragonevoli minn qabel fl-istat li jista’ jiddefendi ruhu sewwa, u meta jinghata l-att tal-akkuza jkun anke fi grad li jista’ jgib il-provi ta’ fatt biex iwaqqa’ jekk irid il-fatti dwar il-persuni msemmija. L-appellant jirreferi ghall-artikolu 589(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jirrikjedi li tinghata deskrizzjoni fil-qosor ta’ dak li gara, “u ghalhekk marbut maz-zmien u l-lok u anke mal-persuni”. L-appellant jinsisti li l-ewwel Qorti ma setghetx tindirizza lill-gurati b’dak il-mod, u fuq kollox ma saritx korrezzjoni fl-att tal-akkuza skond l-artikolu 599(1).

**10.** L-ewwelnett l-appellant m’ghandux ragun meta jghid illi l-ewwel Qorti qalet fl-indirizz li kwistjonijiet dwar zbalji kellhom jitqajmu bhala nullita` tal-att ta’ akkuza. Dak li qalet l-ewwel Qorti kien li d-difiza jkollha dritt li taghti l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ l-Att ta’ Akkuza fejn tara li l-istorja ma taqbilx ma’ l-akkuza, u tat ezempju ta’ fejn l-istorja tkun li “xyz seraq mill-Bank of Valletta imbaghad l-akkuza tkun wahda ta’ stupru”.[1] L-ewwel Qorti effettivament spjegat lill-gurati li dak li huwa importanti hu li l-fatti kif l-Avukat Generali jkun qieghed jipprospetta fil-qosor hafna, jinkwadraw ruhhom fir-reat li huwa jressaq fl-ahhar paragrafu ta’ kull Kap.

**11.** Din il-Qorti tosserva imbaghad illi fl-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, fil-parti espositiva naqraw precizament hekk: “<u>Fost persuni ohrajn</u> li t-traffikar tal-kokajina da parti ta’ Godfrey Ellul kien ikopri, kien hemm Irina Nigarokua, Jesmond Vella u Victoria Burdassova” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Mela, l-att ta’ akkuza stess mhuwiex qieghed jillimita ruhu ghal tliet persuni biss, izda qieghed jghid li kien hemm persuni ohra li l-appellant allegatament ittraffika d-droga lilhom. Naturalment huwa ferm rakkomandabbli illi, jekk l-Avukat Generali jkun se jressaq provi li jirrigwardaw nies partikolari, allura ghandu jsemmihom <u>kollha</u> u mhux uhud biss minnhom. Ciononostante, galadarba l-appellant gie akkuzat bi traffikar, biex jigi ppruvat it-traffikar huwa bizzejjed li dan jirrizulta fir-rigward almenu ta’ persuna wahda biss. Barra minn hekk ix-xhieda li gew prodotti waqt il-guri huma l-

[1] Traskrizzjoni ta’ l-indirizz pagna 20.

istess xhieda li xehdu waqt l-istruttorja u allura d-difiza kienet diga` taf x'irrizulta minn dawk ix-xhieda u b'hekk kellha kull opportunita` tipprepara ruhha sew. Ian Ciantar u Francis Chappelle ma ssemmewx b'isimhom fl-akkuza, izda t-tnejn kienu xehdu fl-istruttorja[2]. Jekk, imbaghad, xi hadd biddel dak li kien xehed waqt l-istruttorja, dan ma hu tort ta' hadd u kull parti kellha l-opportunita` tikkontrolla a bazi ta' dak li x-xhieda rispettivi kienu diga` xehdu f'okkazjonijiet ohra. Kwantu mbaghad ghal Francis Chappelle, l-appellant stess indikah bhala xhud in difesa fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju 2004. U, kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xiehda tieghu waqt il-guri, id-difensur ta' l-appellant ghamillu kontro-ezami serrat.

**12.** It-tieni u t-tielet ilmenti jirrigwardaw persuna li fl-att ta' akkuza giet indikata bhala Irina Nigarokua. Waqt il-guri nqalghet kwistjoni dwar il-qari ta' deposizzjoni moghtija fl-istruttorja minn xhud issa assenti. L-Ispettur Norbert Ciappara nstema' mhux fil-presenza tal-gurati u esebixxa kopja tal-passaport taghha mnejn irrizulta li kunjomha kien Negorodova. L-Avukat Generali ma talabx korrezzjoni ta' l-Att ta' Akkuza u ghalhekk l-appellant, skond hu, gie akkuzat u misjub hati li spacca droga lil persuna inezistenti ghall-process. L-appellant jghid illi kien hemm interpretazzjoni zbaljata tal-ligi fid-digriet tat-22 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu l-ewwel Qorti ppermettiet il-qari tat-traskrizzjoni ta' persuna li fil-parti fejn gew indikati l-partikolaritajiet tax-xhud giet indikata bil-kunjom Nigarokua u fl-ahhar kunjom iehor, ghax qalet li kienet sodisfatta li t-traskrizzjoni kienet ix-xiehda tal-persuna msemmija fl-akkuza. Skond l-appellant dan ma kienx kaz ta' *lapsus calami*. Ghalhekk, jghid, l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta ammettiet il-qari ta' xhieda ta' persuna mhux skond il-lista ta' l-Avukat Generali, mhux skond il-verbal tal-Magistrat, u li fit-traskrizzjoni msemmija giet indikata b'kunjomijiet differenti. L-artikolu 646 tal-Kodici

---

[2] Atti ta' l-istruttorja a fol. 122 – 134 , 144 – 156, u 164 – 173 ix-xiehda ta' Ian Ciantar u a fol. 180 – 186 ix-xiehda ta' Francis Chappelle. Ta' min jippreciza li l-Avukat Generali jista' jindika, fil-lista msemmija fl-artikoli 438(1) u 590(2) tal-Kap. 9, anke persuni li ma jkunux iddeponew fl-istruttorja jew dokumenti li ma jkunux gew esibiti f'dik l-istruttorja (ara, a propozitu, l-artikolu 435 tal-Kap. 9). F'kaz bhal dan, s'intendi, isir relevanti hafna l-*proviso* tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 438 tal-Kap. 9. Ara wkoll l-artikolu 440(3)(4)(5) ta' l-istess Kodici.

Kriminali ma jaghtix fakolta` lill-Ispettur Ciappara li jawtentika x-xhieda, u kellu jissejjah ir-Registratur tal-Qrati halli jesebixxi l-original tat-tapes tal-kumpilazzjoni.

**13.** Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2007 gie registrat quddiem l-ewwel Qorti dan il-verbal:

"Dr. Joseph Brincat joggezzjona ghall-qari tax-xiehda ta' Iryna Negorodova billi dan isimha nkiteb hazin kemm fil-verbal kif ukoll fl-intestatura tax-xiehda taghha quddiem il-Qorti Istruttorja.

"Il-prosekuzzjoni tinsisti ghall-produzzjoni u qari tad-deposizzjoni moghtija lill-Qorti fis-17 ta' Lulju 2002 stante li jirrizulta b'mod l-aktar ampju specjalment fuq dak li qal l-Ispettur Norbert Ciappara li hawn qed nitkellmu fuq l-istess persuna li kienet involuta fil-kaz u fil-fatt kienet tat ix-xiehda taghha lill-Qorti. Illi zball fl-isem fic-cirkostanzi ma jfissirx li l-istess persuna mhix identifikata u ghalhekk dak li kien gie prodott quddiem l-ewwel Qorti u li dwaru ma nghatat l-ebda eccezzjoni mid-difiza llum m'ghadux producibbli."

L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex taghti s-segwenti digriet:

**"Il-Qorti,**

**"Rat il-verbal ta' Dr. Joseph Brincat ghall-akkuzat li bih oggezzjona ghall-qari tax-xiehda ta' Iryna Negorodova peress illi l-kunjom ma jaqbilx ma' dak li hemm fil-verbal a fol. 13 fejn gie registrat li xehdet Iryna Negorodova u lanqas ma' l-intestatura tax-xiehda taghha a fol. 15 fejn hemm referenza ghal Nigarokua Irina u fejn anke l-isem ta' Iryna hu miktub differenti.**

**"Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni fejn insistiet ghal qari ta' din id-deposizzjoni.**

**"Semghet l-Ispettur Norbert Ciappara bil-gurament li pprezenta kopja fotostatika fidila tal-pagni tal-**

**passaport ta' Iryna Negorodova fejn jidher li l-isem korrett tax-xhud huwa Iryna Negorodova u li accerta lill-Qorti li dan l-isem fuq il-passaport jappartjeni ghall-persuna li hu investiga, li ressaq b'akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li xehdet fil-kumpilazzjoni f'din il-kawza fid-data meta saret il-prezentata.**

**"Rat illi eccezzjoni bhal din dwar ammissibilita` ta' prova suppost inghatat fl-istadju opportun skond l-artikolu 438 tal-Kap. 9.**

**"Ikkonsidrat:**

**Illi filwaqt li huwa minnu illi hemm vokali wahda nieqsa fil-kunjom ta' dan ix-xhud fil-verbal a fol. 13 u filwaqt ukoll illi l-intestatura u tax-xiehda traskritta taghha hemm zball kemm fl-isem u l-kunjom, din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li l-istess traskrizzjoni hija tax-xiehda ta' Iryna Negorodova li nghatat fis-17 ta' Lulju 2002 fl-Istruttorja quddiem il-Magistrat Dr. N. Cuschieri f'dan il-process, tichad l-eccezzjoni tad-difiza ghall-qari tax-xiehda u wara li rat l-artikolu 646(2) u l-*proviso* tal-istess, tordna li l-istess deposizzjoni tinqara lill-gurati, b'dan li jigi precizat li x-xiehda b'intestatura [Nigarokua] hija tax-xhud Iryna Negorodova."**

**14.** Frankament din il-Qorti ftit ghandha xi tghid ghajr li tordna lir-Registratur tal-Qorti biex iwassal l-ilment ta' din il-Qorti lit-traskritturi kollha li mhuwiex amministrattivament accettabbli li jittiehdu zbalji simili. Effettivament din il-Qorti nnotat illi sahansitra fl-istess traskrizzjoni, filwaqt illi l-intestatura taghti l-isem tax-xhud bhala "Nigarokua Irina"[3], fl-ahhar tax-xiehda jinghad li x-xiehda hija ta' "Irina Nehaduyu"[4]. Huwa ovvju li xhud ghandu jigi ndikat b'ismu korrett. Barra minn hekk huwa d-dmir ta' kull Deputat Registratur li jara li l-ismijiet tax-xhieda li taghhom jigu nseriti t-traskrizzjonijiet tax-xiehda fil-process, jaqblu ma' l-

[3] A fol. 15 ta' l-atti ta' l-istruttorja.
[4] A fol. 26 *ibidem*.

ismijiet fil-verbal tas-seduta relattiva. Hekk fil-kaz odjern, skond il-verbal tas-17 ta’ Lulju 2002[5], il-persuna li xehdet kienet “Iryna Negrodova” – anke hawn jidher zball bin-nuqqas ta’ vokali, izda huwa zball li ttiehed originarjament fir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija[6] fejn talab li tinstema’ x-xiehda ta’ “Iryna Negrodova” b’urgenza peress illi kienet se ssiefer. Kwantu mbaghad ghall-identifikazzjoni tax-xhud, l-Ispettur Ciappara, li kien l-ufficjal prosekutur u li kien prezenti waqt ix-xiehda ta’ Iryna Negorodova, kien xhud idoneju sabiex jidentifika x-xiehda, intestata bhala dik ta’ “Nigarokua Irina”, bhala fil-fatt dik ta’ Iryna Negorodova. Huwa minnu li dan kollu sfugga lill-Avukat Generali li kabbar l-izball billi fl-att ta’ akkuza ndika l-isem “Irina Nigarokua”. Huwa minnu wkoll illi ma saritx korrezzjoni ta’ l-att ta’ akkuza f’dar-rigward – haga li facilment setghet issir bis-sahha ta’ l-artikolu 599 tal-Kodici Kriminali. Ciononostante, l-appellant gie akkuzat u nstab hati taht l-Ewwel Kap talli “fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2001 u s-16 ta’ Lulju 2002, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba’ Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna” kontra l-ligi. Jigifieri kemm fl-akkuza kif ukoll fid-dikjarazzjoni ta’ htija l-persuna jew persuni mhumiex specifikati b’isimhom. Difatti jrid jinghad illi ghalkemm fil-parti espositiva ta’ l-Ewwel Kap hemm imsemmi Jesmond Vella, m’hemm l-ebda prova li turi li dan Jesmond Vella akkwista kokaina minghand l-appellant. Bir-ragunament ta’ l-appellant, allura ghax m’hemm xejn f’dan is-sens fis-sentenza jfisser li l-gurati sabu htija anke li l-appellant forna l-kokaina lil Jesmond Vella?

**15.** Ir-raba’ lment jirrigwarda l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta’ spacc. L-appellant jghid illi Viktoria Burdasova qalet li kienet marret tiltaqa’ mal-habiba taghha ghand l-appellant u, ad insaputa tieghu, hadet farka kokaina minn go plattina. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti argumentat illi la darba d-droga kienet *“easily accessible”* dan kien spacc, li la darba si trattava ta’ sustanza llegali u l-

[5] A fol. 13 *ibidem*.
[6] A fol. 10 *ibidem*.

appellant ma zammhiex maqfula ghandu jirrispondi wkoll. Jghid illi l-interpretazzjoni ta' spacc hi bizzejjed ampja u dettaljata fil-ligi izda ma hemm l-ebda interpretazzjoni ta' min ikun inkawt u jhalli d-droga accessibbli. Jaghti l-ezempju ta' zewg ahwa guvintur li wiehed minnhom jakkwista ghalih id-droga u jhalliha fil-kamra fejn jorqod ma' huh li jaqbad u jehodlu mid-droga. Skond l-appellant, dak li xtara d-droga m'ghandux jirrispondi ghall-agir inkawt tieghu ghaliex id-delitt ta' spacc jehtieg l-intenzjoni li tforni u tghaddi lil persuna ohra konsapevolment.

**16.** Dwar dan il-punt insibu s-segwenti brani principali fl-indirizz:

"U l-ahhar element mill-hamsa li hemm huwa li din il-kokaina trid tkun offruta jew moghtija jew mibjugha jew mislufa jew *whatever* lil xi persuna ohra, hi min hi, u bizzejjed tirrizulta li saret jew xi offerta jew xi konsenja jew xi depozitu ghand xi hadd ta' din id-droga kokaina, ghal mument qed nitkellmu, xjentement mill-akkuzat jew inkella anke xi offerta – Trid? Noffrilek? Inpoggilek forsi platt quddiemek forsi *help yourself*? Ma nafx. Dana inti meta toffri l-karawett lil xi hadd li jigi ghandek ma tmurx taqbad il-karawetta u ddahhalhielu f'halqu, tpoggilu l-platt fuq il-*coffee table* hemm imbaghad jekk irid jiehu, jekk ma jridx jiehu, il-karawett tieghek ikun, mort poggejtu hemm mhux biex joqghod ihares lejh dan. Araw fid-dinja x'jigri fin-normalita`. Jew inkella dan kien qieghed hemm innocentement dan il-platt u kienu huma dawn li abbuzaw u hadu, u porprju anzi dak li ma ridhomx jaghmlu dawn, kontra l-volonta` tieghu meta nigu ghall-plattina per ezempju. Issa dik kwistjoni ta' fatt, aqghu fuq l-esperjenza tal-hajja taghkom, fuq il-buon sens taghkom u araw dawn ic-cirkostanzi xi jfissru u ma jfissrux."

....

"U araw meta inti ghandek flat zghir bhal dan dawn l-affarijiet ghandhomx ikunu qeghdin fil-kuritur, fuq il-komodina bhal meta jkun hemm il-karawett u t-twistees u xi toffee ghal min ikun mistieden hemm biex jiehu u ma jihux. *Was it there* b'kumbinazzjoni din? Kienet hemm

ghax insiha hemm? Jew kienet hemm ghax *it was the order of the day* dan li kull min jidhol hemm jikkarga naqra? Araw il-fatti kif ikunu fil-hajja. Araw id-dar taghkom issibux plattini bid-droga bl-eroina kif tidhol malli tidhol fil-kuritur jew fid-dar tan-nies normali, u jekk inti thalli l-plattina hemm *for all to take and to see* hux ser jaqbad dak li jkun, minghajr ma jrid kultant, kif jiena kont xammejt dak l-esebit meta kienet qed issir il-kawza, ghax qeghda hemm l-oggett igiblek il-kurzita`. Issa toqoghdux fuq l-esperjenza tieghi ghax jien m'inix qieghed fil-kawza hawn imma qed nurik kif jagixxi l-bniedem – tpoggilu oggett quddiemu dan, oggett li mhux suppost qieghed ghandek u mhux suppost qieghed ghand hadd bhal ktieb pastaz li ghidtilkom l-ewwel, ftit huma dawk li jibqghu ghaddejjin u ma jharsux lejh jew jaghmlu naqra hekk ha jaraw x'hemm. U allura ara tkunx inti b'dak il-mod tkun qieghed thajjar lil dak li jkun biex jippartecipa minn dak li jkun qieghed *on offer* hemm. Araw ic-cirkostanzi."

F'dan kollu din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura. Hija kollha kemm hi kwistjoni ta' fatt, cioe` x'kienu c-cirkostanzi li fihom Viktoria Burdasova waslet biex tipprova d-droga li sabet fil-plattina fl-appartament ta' l-appellant.

**17.** F'dan kollu ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward ta' l-Ewwel Kap u konsegwentement l-ilmenti kollha, u ghalhekk l-aggravju f'dar-rigward, qed jigu respinti.

**18.** Fir-rigward ta' l-Ewwel Kap l-appellant isostni illi huwa nstab hati hazin fuq il-fatti, u li anke fejn jista' jkun hemm certi provi, dejjem jibqa' certu *"lurking doubt"* fuq il-htija. L-appellant jghid dwar ix-xhieda: (1) dwar Jesmond Vella li l-ewwel Qorti stess qalet fl-indirizz li ma setghetx tara xi prova kien hemm li Godfrey Ellul ghaddielu xi droga; (2) dwar Viktoria Burdasova li kienet hi stess li qabdet u hadet mill-plattina ad insaputa ta' l-appellant u li l-ispacc hu reat li jehtieg l-att materjali u l-konsapevolezza kriminuza; (3) dwar Irina Nigarokua li din ma tezistix u li jekk wiehed kellu jghid li l-appellant ta droga lil Iryna Negorodova fuq idejha, dan l-appellant jichdu. Inoltre dak li jghid Jesmond Vella li din ippruvat tiehu minn imnifsejha

mill-frak fil-plattina li thalliet fil-kamra tas-sodda, mhuwiex verosimili peress illi l-kokaina msajra tifforma blokok u mhux trab; (4) dwar Ian Ciantar, li dan kien ibiegh lill-appellant u mhux vice versa; u (5) dwar Francis Chappelle, li din il-persuna u l-appellant kienu jixtru flimkien u ghalhekk ma kienx hemm spacc izda akkwist kongunt. Inoltre x-xiehda tieghu kienet konfliggenti ma' dik li kien ta precedentement.

**19.** Hawn si tratta ta' apprezzament mill-gdid tal-provi. Dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[7]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, din il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti tal-kumpilazzjoni.

**20.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, tistqarr li l-istampa li tohrog minn dawn il-provi hi li l-appartament fejn kien jghix l-appellant kien *a crack and cocaine den*. Difatti nstabet kokaina kemm f'forma ta' blokka kif ukoll f'forma ta' trab (b'kollox 13.532 grammi). L-appellant, *ex admissis*, kien jimmanifattura l-*crack* mill-kokaina u jidher li kien espert f'dan il-qasam. M'hemm l-ebda dubju illi

[7] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

huwa stess kien jabbuza mill-*crack*. Dan jammettieh ukoll hu stess. Izda ma jirrizultax li kien juza hu biss.

**21.** Dwar Iryna Negorodova l-appellant jghid illi huwa qatt ma raha tiehu u qatt ma taha f'idejha. Jghid illi l-*crack* ma tistax tisniffjaha ghax tkun gebla. Effettivament minn ezami tax-xiehda ta' Negorodova minn imkien ma jirrizulta li qalet li kienet tisniffja d-droga. Hija tghid li ppruvatha. Mistoqsija tiftakarx li kien hemm Jesmond x'hin kienet qed tpejjep hi, wiegbet fl-affermattiv. Qalet li hadet f'zewg okkazjonijiet u d-darbtejn wara li saqsietu hi:

"Qorti: Mela ibda fl-ewwel okkazjoni.
Int: Fuq l-ewwel domanda ha nitkellmu, saqsini please.
Qorti: Iva l-istess, kif haditha u min kien prezenti?
Int: Tahielha Godfrey.
Qorti: Tahielha minn idejh jew tahielha minn x'imkien iehor?
Int: Kienet f'idejh, taha ftit u ppruvatha.
Qorti: Ippruvatha, meta taha talbitu hi jew taha minn rajh?
Int: Hi saqsietu.
Qorti: U hu taha.
Int: U hu taha iva.
Qorti: It-tieni okkazjoni kif haditha d-droga?
Int: L-istess.
Qorti: Jigifieri haditha minn idejn l-imputa? X'inhi tghid?
Int: Qed nghidilha ta' fejn hallihiex x'imkien jew dan, kien hemm platt qed tghid.
Qorti: Kien hemm platt bil-kokaina fuqu?
Int: Iva.
Qorti: Fejn kien dan il-platt?
Int: Fil-bedroom.
….
Qorti: …. U hi meta hadet minn dak il-platt offrielha hu jew staqsietu?
Int: Hi staqsiet imbaghad hadet."

Fi kwalunkwe kaz, mir-rapport peritali ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, fil-plattina msemmija li giet elevata mill-

appartament ta' l-appellant fil-15 ta' Lulju 2002 jirrizulta li gol-plattina ma kienx hemm biss *crack* (difatti kien hemm biss blokka wahda) izda kien hemm ukoll kokaina fil-forma ta' trab. Ghalhekk mhuwiex inverosimili li Negorodova sniffjat minn dik il-kokaina galadarba kienet fil-forma ta' trab. Jigifieri l-gurati setghu legalment u ragonevolment jikkonkludu li x-xiehda li tat Negorodova kienet vera, fis-sens li kienet qed tghid il-verita`.

**22.** Dwar Viktoria Burdasova l-appellant jinsisti li jekk din hadet, dan kien ad insaputa tieghu. Effettivament meta xehdet din Burdasova qalet illi filwaqt illi l-appellant u l-habiba taghha kienu maghluqin fil-kamra tas-sodda (qalulha tistennihom ftit u dalwaqt johorgu), fuq mejda fil-*hallway* kien hemm flixkun  u bicciet bojod zghar u lighter, u ppruvatha u hadet xi ritratti "bhala cajta". Ma qalet xejn lil hadd li kienet pejpet. "Sibtha hemmhekk u ddecidejt u hadtha jiena." Mistoqsija kif waslet ghall-konkluzjoni li dik kienet kokaina wiegbet: "Ghax rajt il-flixkun, rajt it-trab abjad, u rajt il-lighter, u gieli rajt fuq it-televixin fuq l-ahbarijiet." Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ambjent li kien qieghed jghix l-appellant, bil-fatt li halla droga *"readily available"* ghal kull min jidhol go daru, kien qieghed ihalliha *on offer*, cioe` kien qieghed joffriha lil kull min jidhol. Ghalhekk anke hawn il-gurati kienu korretti li jqisu dan bhala forma ta' spacc.

**23.** Dwar Francis Chappelle huwa minnu illi meta xehed waqt il-guri, irrakkonta hwejjeg li ma kienx irrakkonta fl-istruttorja, u cioe` ammetta abbuz ta' kokaina meta qabel kien semma biss kif kien ta arlogg lill-appellant biex jara jsibx il-bejgh tieghu. Waqt il-guri harget storja ta' abbuz ta' kokaina fuq diversi snin. L-appellant isostni illi minn imkien ma jirrizulta spacc lil Chappelle, izda dak li jirrizulta hu li kienu jakkwistaw flimkien. Din il-Qorti sejra tirreferi biss ghal dak li jixhed l-appellant.[8] Jghid li Francis Chappelle kien imur ghandu biex imorru jixtru l-kokaina flimkien. Jghid:

---

[8] Pagni 91 – 111 tat-traskrizzjoni tax-xiehda.

"Imbaghad kien itini l-flus biex nixtri u mhux hekk biss, kont insajarha l-kokaina, intihielu, itini bicca imbagahd kien ikolli xi ghoxrin lira fil-but, nghidlu, kif tispiccali ghax forsi kien itini erba' nifsijiet minn dan li nkunu xtrajna, u nghidlu 'tini b'ghoxrin lira' u kien itini xi erba' nifsijiet ohra."

"Frans mhux tani eluf ta' liri, Frans kien jigi mieghi, jehodni minn idejja, itini l-flus f'idejja ghax hu meta kien imur jixtri hu kienu jtuh imbarazz, minflok ituh kokaina."

"Frans kien itini l-flus biex immorru nixtru, konna mmorru nixtru flimkien. Meta gie ghandi Frans kien jigi hemmhekk, jistenna u nistennew sakemm jigi dan. Itini l-flus, nixtru, insajruha, jarani nsajjarha, jehodha, mhux lili tahom il-flus, il-flus tahom lil Ian Ciantar, mela lili?"

"Ha nghidilkom ezatti x'kien jigri allright? Kien jigi Ian Ciantar, Frans kien ikun fil-kamra tas-sodda bilqieghda, kien igibli ghaxar grammi, dawn konna niznuhom, imbaghad konna nsajruha u kif insajjarha u naraw li tajba mmur ghand Frans, nghidlu 'Frans irridu nhallsuh', jaghtini l-flus u nghaddihom lil Ian Ciantar."

Minn dan huwa evidenti illi, anke jekk stess il-flus kien qieghed johroghom Francis Chappelle, ix-xirja kien qieghed jaghmilha l-appellant. U mhux hekk biss, imma l-kokaina li kien jixtri kien imbaghad jimmanifatturaha f'forma ta' *crack* u jikkonsenjaha f'dik il-forma lil Francis Chappelle. Issa, skond l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet tal-Kap. 101 **"il-kelma 'jittraffika' (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza"**. Mela bis-sahha ta' l-appellant, kienet qed tinxtara kokaina tajba, hu stess kien qieghed

jimmanifattura l-*crack*, imbaghad kien jikkonsenja l-*crack* lil Chappelle. Kollha dawn azzjonijiet ta' spacc.

**24.** Tqajmet il-kwistjoni pero` jekk dan kollu sehhx entru l-perijodu li bih jinsab akkuzat l-appellant, cioe` entru l-perijodu bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002. Francis Chappelle[9], mistoqsi meta kien "jixtri" minghand l-appellant qal "basically between 1996 and 1999" izda meta mistoqsi jekk kienx jixtri minghandu aktar tard, wiegeb: "Gieli xtrajt minghandu imma mbaghad fl-2002 ghamilt *hip operation* ma' Dr. Bernard u kelli nieqaf."

"Qorti: Meta ghamiltha l-operation? Fl-2002, fhimtek sew?
Xhud: Iva.
Qorti: Jigifieri sa l-2002 kont ghadek qed tixtri minghandu?
Xhud: Approximately, 2001.
Qorti: Sa 2001.
Xhud: Iva."
….
Difiza: Tista' tghidli precizament il-perijodu meta inti qtajt minn ma' Godfrey? Ghaliex dan ic-cheque tal-2002 ghidtilna kien birthday present. Sakemm kien il-perijodu li bqajt f'dan il-vizzju int?
Xhud: As soon as I went in the hospital, il-Capua.
Difiza: Mill-Isptar jigifieri tikkalkula lura?
Xhud: U le a few weeks before, a month before.
Difiza: A month before?
Xhud: Iva."

Mill-provi ma jirrizultax meta Chappelle dahal l-Isptar ghall-operazzjoni izda l-gurati setghu jikkonkludu li kien hemm parti mill-perijodu addebitat lill-appellant li fih hu u Chappelle kien ghad ghandhom relazzjoni. Difatti l-appellant jghid illi Ian Ciantar kien jiftahar li jbiegh kilo f'gimgha u li dan siefer f'Jannar u f'Gunju biex jordna, "infatti waqt Jannar u Gunju," jghid l-appellant, "qatt ma xtrajna xejn ghax meta kien ikun hawn hu biss konna nixtru". Jigifieri kienu allegatament akkwistaw minghand

[9] Pagni 39 – 48 tat-traskrizzjoni tax-xiehda.

Ciantar fl-*interim period*. Barra minn hekk jirrizulta illi Chappelle kien ta arlogg lill-appellant li tieghu, skond ma xehed Chappelle waqt il-guri, ried elf lira jew ghoxrin gramma. Skond l-appellant Chappelle kien tahulu semplicement biex jara jsiblux il-bejgh tieghu. Dan l-arlogg kien allegatament spicca ghand Libjan bl-isem Seif u sal-gurnata li gie arrestat l-appellant, dan Seif ma kienx lanqas hallas il-prezz tieghu.

**25.** Dwar Jesmond Vella diga` gie osservat li m'hemm l-ebda prova illi huwa b'xi mod uza droga. Dwar Ian Ciantar, in vista tal-konsiderazzjonijiet precedenti m'hemmx lok li din il-Qorti taghmel konsiderazzjonijiet fir-rigward tieghu peress illi l-akkuza taht l-Ewwel Kap tirrizulta assodata. Kwindi anke dan l-aggravju li jirrigwarda l-Ewwel Kap huwa michud.

**26.** Dwar it-Tieni Kap l-appellant jghid illi (1) kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-aggravanti tal-pussess, u (2) instab hati hazin fuq il-fatti dwar l-aggravanti.

**27.** L-appellant jammetti l-pussess ta' kokaina ghall-uzu personali tieghu izda jikkontesta l-aggravanti. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi meta poggiet l-element legali "fuq il-prezz globali, meta l-appellant kien  qed jghid li kien fallut". Il-kriterji, jghid l-appellant, iridu jkunu oggettivi biex tiddistingwi bejn droga ghall-uzu personali u droga mhux ghall-uzu personali. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz, l-ewwel Qorti ma tefghetx kollox fuq il-prezz globali. Hija rreferiet fl-ewwel lok ghal dak li  qalu x-xhieda, imbaghad illi anke jekk m'hemm ebda xhud li jghidlek li "dak tani jew dak offrieli", illi wiehed irid jara jekk hemmx cirkostanzi li minnhom wiehed jista' jikkonkludi li droga ma tkunx ghall-uzu personali ta' l-individwu. Hekk, minbarra li rreferiet ghall-prezz, l-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghal kriterji ohra bhalma huma l-kwantita`, il-mod kif tinzamm id-droga, u c-cirkostanzi li fiha tinsab[10]. Difatti l-ewwel Qorti kienet korrettissima f'dak li qalet. Imbaghad, mehudin ic-

[10] Pagni 39 -  42 u pagna 55 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

cirkostanzi kollha rizultanti, dak li ntqal diga` dwar l-Ewwel Kap u anke t-twegiba inekwivoka ta' Francis Chappelle ghal mistoqsija tal-Qorti jekk kienx ikun ghand l-appellant meta l-appellant kien qed jixtri jew meta kien qed ibiegh, li *"Both ways"*, din il-Qorti ma tistax hlief tirrespingi l-aggravji ta' l-appellant dwar it-Tieni Kap u tikkonkludi li l-verdett tal-gurati fir-rigward tat-Tieni Kap kien ukoll wiehed korrett.

**28.** Dwar it-Tielet Kap l-appellant jghid li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi (1) ghal dak li jirrigwarda kif kien redatt il-Kap u n-nuqqas tal-Qorti li taccetta li l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-fatti hemm deskritti, cioe` l-bejgh taz-zewg sapuniet tar-raza tal-cannabis; u (2) ghal dak li jirrigwarda l-uzu tat-telefonata pilotata biex ikun hemm xi konsenja ohra, u dan specjalment bhala konferma ta' l-ewwel bejgh.

**29.** Dwar l-ewwel ilment tieghu l-appellant jenfasizza l-importanza tal-fatti allegati fil-parti espositiva ta' l-Att ta' Akkuza. Jghid illi hawn ukoll ma saritx korrezzjoni fit-Tielet Kap li baqa' jghid li Godfrey Ellul lil Ian Ciantar "bieghlu bi qliegh ir-raza bil-prezz ta' hamsa u tletin lira Maltin u gieli anke sittin lira Maltin". Jirreferi ghal dak li ntqal *obiter* fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Laurence Gatt**. L-appellant josserva li hi gurisprudenza kostanti li tista' titqajjem nullita` meta jkun hemm diskrepanza bejn il-fatti allegati fil-parti espositiva u l-parti akkuzatorja. F'dan il-kaz, jghid, ma kienx hemm tali diskrepanza u ghalhekk ma setghet titqajjem l-ebda nullita`, imma anke skond l-istess diskrepanza hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-fatti allegati fil-parti espositiva. Hawn l-akkuza kienet wahda ta' bejgh bi qliegh u bi prezz ta' bejn hamsa u tletin lira Maltin u gieli anke sittin lira Maltin, u tar-raza. Kull min jaqra dawn il-kliem jifhem li Godfrey Ellul biegh lil Ian Ciantar bi prezz u bi qliegh. Il-prosekuzzjoni qed tallega li r-reat jikkonsisti f'ipotesi minnha maghzula. U dik l-ipotesi trid tippruvaha. F'dan il-kaz, jghid l-appellant, il-prosekuzzjoni kellha tipprova l-fatt tal-bejgh, tal-oggett tal-bejgh, u bi prezz. Issa, mill-atti kompilati jirrizulta li l-prezz kif jirrizulta huwa tal-kokaina u mhux tar-raza tal-cannabis. Ma ntalbet ebda korrezzjoni. Il-prosekuzzjoni gabet provi

(salv ic-cahda ta' l-appellant) dwar zewg sapuniet li Ian Ciantar persistentement jghid li kien zamm ghax talbu pjacir l-appellant. Jiddikjara li kien iqishom ta' l-appellant. Ian Ciantar stess jichad il-bejgh izda fl-istess nifs isostni li kien jixtri l-kokaina bil-prezzijiet imsemmija. L-appellant jinsisti li kienet interpretazzjoni hazina u zbaljata tal-ligi li, fuq is-sottomissjoni li ma kienx hemm bejgh skond il-fatti esposti, l-ewwel Qorti ma tatx kaz tad-distinzjoni bejn ipotesi u ohra ta' l-istess reat, u baqghet bil-posizzjoni li difett fl-Att ta' Akkuza fuq il-fatti messu tqajjem fl-istadju opportun. "Skond il-gurisprudenza kostanti tali eccezzjoni ma tistax titqajjem, u difetti bhal dawn jistghu jkunu korretti matul il-kawza jekk ikun qed jirrizulta mix-xhieda basta ma jirrendux ir-reat aktar gravi. Jekk hemm distinzjoni bejn *material possession* u *constructive possession* (biex issir riferenza ghas-sentenza ta' Laurence Gatt) kemm hemm differenza akbar bejn il-bejgh bi qliegh u bi prezz ma' kull ipotesi ohra tal-ispacc? L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tindirizza l-gurati li fil-kap tal-akkuza l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-bejgh taz-zewg sapuniet li fuqhom dejjem tkellmet il-prosekuzzjoni. Din kienet sottomissjoni tad-difiza. Ma kienx bizzejjed li thalli biss l-ipotesi jekk is-sapuniet ghaddewx jew le minghand Godfrey Ellul ghal ghand Ian Ciantar."

**30.** Huwa minnu illi mir-rizultanzi processwali ma ngabet l-ebda prova li l-appellant "biegh" raza tal-cannabis lil Ian Ciantar. Huwa minnu wkoll illi l-prezz li ghalih jirreferi l-Avukat Generali f'dan it-Tielet Kap mhuwiex tar-raza tal-cannabis izda tal-kokaina. Izda x'tghid ezattament il-parti espositiva tat-Tielet Kap? Din tghid testwalment hekk:

**"Ukoll dejjem fil-perjodu msemmi fiz-zewg kapi precedenti, Godfrey Ellul kien ukoll jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**"Dan it-traffikar kien isir fl-istess post fejn kien ukoll jittraffika fil-kokajina, u, fost persuni ohra li lilhom kien ibiegh ir-raza, kien hemm partikolarment certu Ian Ciantar li, fil-perjodu in kwistjoni, kien diversi drabi bieghlu bi qliegh ir-raza bil-prezz ta' hamsa u tletin lira Maltija u gieli anke sittin lira l-gramma."**

**31.** *Prima facie* jidher li l-Avukat Generali qieghed jiccirkoskrivi l-agir ta' l-appellant fil-konfront ta' Ian Ciantar madwar l-ipotesi ta' "bejgh". Fl-istess hin, pero`, dan it-Tielet Kap xorta jirreferi ghall-fatt li l-Avukat Generali allega li l-appellant "kien ukoll jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis". U effettivament l-appellant ma giex akkuzat li "biegh" ir-raza izda li "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis". Kwindi jekk mill-provi tista' tirrizulta ipotesi ohra li taqa' taht id-definizzjoni ta' "traffikar", verdett ta' htija jkun verdett korrett. Wara kollox, kif dejjem inghad, l-Avukat Generali mhux marbut li jipprova bil-*punto e virgola* l-fatti kif narrati fil-parti espositiva. Jinghad ukoll li dak li ntqal[11] f'**Ir-Repubbblika ta' Malta v. Laurence Gatt** ma hux ta' rilevanza ghal dan il-kaz. Kwindi dan l-ilment huwa nfondat.

**32.** Dwar it-tieni lment tieghu, l-appellant josserva li dan jirrigwarda il-korroborazzjoni ta' Ciantar fuq il-cannabis. Jghid li f'dan il-kaz inghad li meta, bi ftehim mal-pulizija, kien hemm qbil li Ian Ciantar icempel u jsemmi s-sapuna, u biex imur ghand l-appellant, u l-fatt li xi pulizija qalu li meta ghamlu rruzzjoni sabu lill-appellant b'sapuna f'idu – wiehed ma ra xejn, u iehor nofs sapuna – dak l-element kellu jittiehed in konsiderazzjoni dwar it-Tielet Kap. Skond l-appellant, pero`, l-operat tal-Pulizija ma kienx legittimu u ghalhekk kienet prova mhux utilizzabbli u tinficja l-*fair trial*. Jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Khudobin v. Russia** tas-26 ta' Ottubru 2006[12]. Skond l-appellant, il-gurisprudenza li kienet tapplika qabel f'Malta m'ghadhiex aktar korretta. Jghid li fuq dan il-punt l-ewwel Qorti tat direttiva li hija se tapplika l-gurisprudenza Maltija u dik barranija thalliha

[11] "Jinghad biss – u dan qed jinghad strettament *obiter* – li dak li jidher li qed jigi allegat fit-tielet kap tal-Att ta' Akkuza fil-konfront taz-zewg akkuzati, u ghalhekk anke fil-konfront tal-appellant, huwa pussess materjali tad-droga u mhux xi forma ta' 'constructive possession', u dan in vista tal-fatt li hu allegat li d-droga kienet qed tghaddi '…minn id ghal id ta' kull wiehed minnhom…'."

[12] Applikazzjoni Nru. 59696/00.

ghal proceduri ohra. Skond l-appellant dan lanqas hu korrett skond il-gurisprudenza lokali, u jaghti ezempju fil-kaz ta' Shnishah fejn kien hemm rikuza ta' Imhallef u din il-Qorti ddecidiet li apparti kull kwistjoni ohra tikkunsidraha mill-aspett tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea.

**33.** F'dan il-kaz dak li gara kien li l-Pulizija kienu qed jinvestigaw lil certu Ian Ciantar li nstabulu pilloli ecstasy, kokaina u raza tal-cannabis, inkluzi zewg sapuniet raza. L-Ispettur Norbert Ciappara xehed li kien spjega lill-imsemmi Ciantar dak li jiddisponi l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Ciantar fil-fatt qal li s-sapuniet kien gabhom minghand l-appellant, li l-appellant kellu aktar, li jekk il-Pulizija riedu jaqbduha kellhom imorru dak il-lejl stess, u li hu kien lest icempel lill-appellant. L-Ispettur Ciappara xehed li saqsa lil Ciantar ghaliex kien lest icempel lill-appellant u Ciantar wiegbu: "Biex nikkonfermalek li dak li qed nghid huwa minnu, ghax hu lili jafdani." L-Ispettur ghalhekk halla lil Ciantar icempel lill-appellant u sema' lil Ciantar jghid is-segwenti diskors: "Dik li kellek ghadha ghandek?" "Mela daqt nigi ghaliha." "Titfilix it-telephone." "Iva ghas-sapun." L-Ispettur Ciappara qal li Ciantar qallu li kien ahjar jekk imur hu wkoll mal-Pulizija ghax hu kien icempillu, l-appellant jittawwallu mill-gallarija u jiftahlu l-bieb, "ghax inkella jekk jinduna bikom jarmi kollox 'il barra". Membri tad-Drug Squad accedew fil-blokk appartamenti fejn kien jirrisjedi l-appellant u dahlu sa hdejn l-appartament tieghu. Ciantar kien barra b' P.C. 10 Trevor Cassar Mallia josservah. Ciantar cempel lill-appellant. Sadattant, waqt li l-Pulizija kienu qeghdin jistennew wara l-bieb ta' l-appellant, l-appellant fetah il-bieb. Hu kien liebes flokk biss u xejn aktar filwaqt li f'idu kien qieghed izomm oggett. Huwa minnu li hemm min qal li kellu sustanza ta' kulur kannella[13] f'idejh, min qal sapuna[14], u min qal nofs sapuna[15]. Kien hemm ukoll min qal li raha fuq mejda kif tidhol[16], izda dan kien peress illi dahlet wara l-pulizija l-ohra u ghalhekk il-blokka kienet

[13] P.S. 1044 Gordon Calleja a fol. 20 tat-traskrizzjoni tax-xhieda u W.P.C. 86 Dianne Fenech a fol. 29 *ibidem*.
[14] P.C. 246 Vincent Cesare a fol. 23 *ibidem*.
[15] P.S. 368 Steven Monreal a fol. 25 *ibidem*.
[16] W.P.S. 45 Marisa Bartolo a fol. 31 *ibidem*.

diga` ttiehdet minn idejn l-appellant. Mir-rapport peritali, pero`, jirrizulta li l-imsemmi oggett (Dok. 02 BTR 02) kien jikkonsisti fi blokka raza tal-cannabis tal-piz ta' 247 g, jigifieri piz simili ghall-erba' blokki l-ohra li nstabu f'kamra ohra.[17]

**34.** Ikkunsidrati dawn il-fattispecie, din il-Qorti ma tarax kif il-fatt li l-appellant fetah il-bieb ta' l-appartament tieghu bi blokka f'idejh ma tistax tittiehed bhala prova. L-iskop kollu ta' l-operazzjoni kien sabiex jekk verament l-appellant kellu d-droga fil-pussess tieghu – u mit-telefonata kien jidher li verament kellu droga fil-pussess tieghu – din tigi maqbuda qabel ma jkun hemm cans li titqassam. Il-Pulizija ma kinux qed jistennew li l-appellant kien se jiftah il-bieb bid-droga f'idejh. Kienu sorprizi daqs kemm kien sorpriz l-appellant meta fetah (kwazi gharwien) u sab lill-Pulizija ma' wiccu. Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal, *inter alia*:

"Issa l-ewwelnett pero` rridu naraw f'dan il-kaz preciz x'gara ezattament, ghax f'dan il-kaz preciz x'kienet l-intenzjoni tal-pulizija li jridu jaghmlu? Ma ridux li jgieghlu lil Ellul jikkonsenja s-sapuna lil Ciantar, tant hu hekk li Ciantar 'l hemm ma resaq xejn, baqa' ghaddej dritt biex jekk stess ihares dak jarah fit-triq jghid mela Ciantar. Imma Ciantar ma resaqx 'l hemm. Mela hawnhekk ma kienx kaz fejn kienet ser issir delivery. X'kien l-iskop tal-pulizija u ara spjegax sew l-ispettur? X'kien l-iskop? Illi Cianhtar jghidlu li sejjer ghas-sapun bil-ghan li l-iehor jiftahlu halli mbaghad jidhlu fuqu ghal gharrieda u ma jkunx hemm dak l-intervall li kieku jhabbat jien jew int jew il-pulizija u jekk ghandu xi haga hemm gew toghsfor u hemm elf mod kif joghsfru l-affarijiet, jistghu jintefghu fuq il-bejt ta' haddiehor, jistghu jintefghu fil-btiehi ta' haddiehor, daka insomma taraw intom insomma, m'hemmx ghalfejn noqghod nghidilkom jien, affarijiet ta' fatti dawk. Il-pulizija dawk riedu jevitawh, riedu li kif jinfetah il-bieb jidhlu bla avviz ta' xejn ghax jekk ikun hemm anke hames minuti avviz jew zewg minuti avviz l-

[17] Ara wkoll ritratti ta' din il-blokka 02BTR103, 02BTR129 u 02BTR130 fil-faxxikolu fotografiku Dok. RC.

affariiet jistghu jitwarrbu, jinhbew....Fil-fatt hawnhekk kien hawn entrapment biex isir delitt? Jew inkella trick biex jiftah il-bieb? Ghax li tiftah il-bieb mhux delitt, mela allura ma tistax tghidli inti gieghltni naghmel delitt, jien gieghltek nidhak bik biex tiftah il-bieb."

Fil-kaz **Khudobin v. Russia**, il-pulizija kienu organizzaw *"test buy"*[18] mhux taht kontroll gudizzjarju u fir-rigward ta' persuna li sa dakinhar ma kellhiex *"record"* kriminali. Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qalet li *"the police may act undercover but not incite"*, u dan fil-kuntest ta' fattispeci partikolari hafna u fejn l-unika prova kien att ta' spacc wiehed orkestrat mill-Pulizija.[19] F'dan il-kaz ma

---

[18] Il-fatti kienu dawn: "On 29 October 1998 Ms T., an undercover police agent, called the applicant and said that she wished to buy a dose of heroin. The applicant agreed to procure it and, accompanied by Mr M., met Ms T. in the street. Ms T. handed over to the applicant banknotes, given to her by the police officers S. and R. and marked with a special substance (visible only in the ultra-violet light). The applicant took the money and went to the house of another person, Mr G. The latter gave the applicant a sachet, containing 0.05 grammes of heroin. On his return to the meeting point with the purported buyer, the applicant was apprehended by the police officers who had waited for him in the street."

[19] Il-Qorti qalet hekk: "128. At the outset, the Court would like to stress that it is not blind for the difficulties encountered by the authorities in combating serious crimes and the need for more sophisticated methods of investigation sometimes required in this context. In principle, the Court's case-law does not preclude reliance, at the investigation stage of criminal proceedings and where the nature of the offence so warrants, on evidence obtained as a result of an undercover police operation (see, for instance, *Lüdi v. Switzerland*, judgment of 15 June 1992, Series A no. 238). However, the use of undercover agents must be restricted; the police may act undercover but not incite (see *Teixeira de Castro*, cited above, § 36).

"129. The Court notes that the applicant was arrested and then convicted as a result of a police operation. The Court has previously considered the use in criminal proceedings of evidence gained through entrapment by State agents. Thus, in the case of *Teixeira de Castro*, cited above, the applicant was offered money by undercover police officers to supply them with heroin. Although having no previous criminal record, he had contacts for obtaining drugs. Tempted by the money, the applicant accepted the officers' request. He was subsequently charged and convicted of a drug offence. In finding a violation of Article 6 § 1, the Court distinguished the officers' actions in that case from those of ordinary undercover agents, who may conceal their identities in order to obtain information and evidence about a crime, without actively inciting its author to commit it. The Court noted that "while the rise in organised crime undoubtedly requires that appropriate measures be taken, the right to a fair administration of justice nevertheless holds such a prominent place [...] that it cannot be sacrificed for the sake of expedience" (§ 36). The Court stressed a number of features in that case, in particular the fact that the intervention of the two officers had not been part of a judicially supervised operation and that the national authorities had had no good reason to suspect the applicant of prior involvement in drug trafficking: he had no criminal record and there was nothing to

suggest that he had a predisposition to become involved in drug dealing until he was approached by the police (*loc. cit.,* §§ 37-38).

"130. Similarly, in the recent case of *Vanyan v. Russia* (no. 53203/99, 15 December 2005, §§ 45-50), the Court found a violation of Article 6 § 1 arising from a simulated drug purchase which amounted to incitement and, whilst the purchase was carried out by a private person acting as an undercover agent, it had nevertheless been effectively organised and supervised by the police.

"131. Further, in establishing compliance with the "fair trial" guarantee in cases where the evidence collected by this method had not been disclosed by the prosecution, the Court concentrated on the question of whether the defendant had been afforded adequate procedural safeguards (see *Edwards and Lewis v. the United Kingdom* [GC], nos. 39647/98 and 40461/98, 27 October 2004, §§ 46-48).

*2. Application of these principles in the present case*

"132. In their observations the Government expressed the view that the question of the applicant's previous involvement in drug trafficking was irrelevant for the purposes of the criminal proceedings leading to his conviction. The fact that the police operation was documented in the prescribed way made it lawful, and, consequently, the ensuing proceedings were fair.

"133. The Court cannot, however, accept this argument. Domestic law should not tolerate the use of evidence obtained as a result of incitement by State agents. If it does, domestic law does not in this respect comply with the "fair-trial" principle, as interpreted in the *Teixeira* and follow-up cases. At the trial the defence asserted that the offence would not have been committed had it not been for the "provocation" by the police. In other words, the applicant put forward an "entrapment defence" which required appropriate review by the trial court, especially as the case contained certain *prima facie* evidence of entrapment.

"134. Second, the Court notes that the applicant had no criminal record prior to his arrest in 1998. The information that the applicant had been previously implicated in drug dealing came from one source – T., the police informer. However, it is unclear why T. decided to cooperate with the police. Furthermore, she stated at the trial that she had contacted the applicant because at that moment she had not known where else she could get heroin. The applicant had not derived any financial gain from buying the heroin from G. and giving it to T. M. testified that he had never bought heroin from the applicant before. Those elements could have been reasonably interpreted as suggesting that the applicant was not a drug dealer known to the police. Quite the opposite, it would appear that the police operation targeted not the applicant personally, but any person who would agree to procure heroin for T.

"135. Third, the Court recalls that a clear and foreseeable procedure for authorising investigative measures, as well as their proper supervision, should be put into place in order to ensure the authorities' good faith and compliance with the proper law-enforcement objectives (see *Lüdi v. Switzerland*, judgment of 15 June 1992, Series A no. 238; also see, *mutatis mutandis*, *Klass and Others v. Germany*, judgment of 6 September 1978, §§ 52-56, Series A no. 28). In the present case the police operation had been authorised by a simple administrative decision of the body which later carried out the operation. As it transpires from the materials of the case, the text of that decision contained very little information as to the reasons for and purposes of the planned "test buy". Furthermore, the operation was not subjected to judicial review or any other independent supervision. In the absence of a comprehensive system of checks accompanying the operation (see paragraph 60 above), the role of the subsequent control by the trial court became crucial.

giex organizzat *"test buy"* izda mezz ta' kif il-Pulizija setghet tirrompi fil-post ta' l-appellant minghajr ma jkollu opportunita` jiddisponi mid-droga. Barra minn hekk l-appellant kien diga` ben maghruf mill-Pulizija fil-qasam tad-droga u kien anke nstab hati mill-Qrati taghna. Ghalhekk dan l-ilment ta' l-appellant huwa wkoll infondat.

**35.** Dwar it-<u>Tielet Kap</u> l-appellant jilmenta wkoll li l-fatti imputati lilu la kienu jirrizultaw legalment u lanqas fattwalment. Jghid li kemm hu kif ukoll Ian Ciantar jaqblu li ma kienx hemm bejgh, l-appellant ghax jichad li b'xi mod ikkonsenja xi wahda mis-sapuniet li nstabu ghand Ciantar, filwaqt li Ciantar, ghalkemm jghid li gabhom minghand l-appellant, jinnega li kien hemm xi bejgh taghhom. L-appellant jghid ukoll li ma sar l-ebda ezami kimiku komparattiv bejn dak li nstab ghand Ciantar u dak li nstab ghand l-appellant biex b'hekk tingab prova oggettiva, salv prova kuntrarja, ta' l-identita` tal-cannabis. L-ispizjar Mario Mifsud spjega fuq kif dan isir u ghala jsir, u ghaliex ikun hemm certi karatteristici tal-*batches*. Il-prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq presunzjonijiet li dik li nstabet ghand Ciantar hija necessarjament bhal dik u minn dik li nstabet ghand l-appellant. Dan, isostni l-appellant, jibda biex ihalli *lurking doubt*. Il-korroborazzjoni li semmiet l-ewwel Qorti ma kienet korroborazzjoni xejn. Kienet biss, skond l-appellant, indikazzjoni li l-appellant kellu l-cannabis, fatt li Ciantar seta' jaf bih meta kien mar ghand l-appellant. Certament ma kienx hemm bejgh jew kliem dwar bejgh f'dik l-imsejha korroborazzjoni.

---

"136. The Court notes that the only three witnesses questioned by the trial court were T., M. (the applicant's friend who was present at the moment of the arrest) and the applicant's mother. The policemen involved in the "test buy" has never been questioned by the court, although the defence sought to have them heard. G., who had sold the heroin to the applicant and had been convicted of that act was not questioned in that proceedings either. Finally, the Court is particularly struck by the fact that the applicant himself was not heard by the court on the subject of incitement: the applicant was absent from the hearing of 11 November 1999, in which the court examined the events of 29 October 1998.

"137. In sum, although in the present case the domestic court had reason to suspect that there was an entrapment, it did not analyse relevant factual and legal elements which would have helped it to distinguish the entrapment from a legitimate form of investigative activity. It follows that the proceedings, which led to the conviction of the applicant, were not "fair". Accordingly, there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention."

**36.** Din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghal dak li ntqal *supra*[20] li l-Avukat Generali mhux marbut li jipprova bil-*punto e virgola* l-fatti kif narrati fil-parti espositiva. U ghalkemm ma rrizultax bejgh, xorta l-gurati setghu jsibu forma ohra ta' traffikar. Fil-fatt il-kwistjoni kollha hi wahda ta' kredibilita`, ossia jekk setax jitwemmen Ian Ciantar li gab iz-zewg sapuniet minghand l-appellant, jew l-appellant, li qal li qatt ma ta xejn lil Ciantar. Ovvjament il-gurati emmnu lil Ciantar. Difatti setghu ma qisux verosimili l-istorja ta' l-appellant li kull ma kellu kienu hames blokki li kien ghaddihomlu wiehed Gharbi bhala garanzija ghall-hlas ta' Lm1,000 ghall-arlogg ta' Francis Chappelle. Setghu qiesu li s-semplicita` li biha sar il-ftehim biex Ciantar imur ghal sapuna flimkien mal-fatt li meta l-appellant fetah il-bieb kellu sapuna f'idu, kien ifisser li diga` kien hemm okkazjoni jew okkazjonijiet ohra fejn l-appellant kien ghadda l-istess tip ta' droga lil Ciantar. Setghu qiesu wkoll il-fatt li l-appellant stess indika li d-*drug of choice* tieghu kienet il-kokaina u li ma kienx jaf x'se jaghmel bir-raza, mentri jidher li Ciantar kellu x'jaqsam ma' diversi tipi ta' drogi, bhala fatturi li minnhom setghu jikkonkludu li l-appellant ried jehles minn dik ir-raza u jhalli lil haddiehor jiddisponi minnha. Ghalhekk huwa evidenti li l-gurati setghu, legalment u ragjonevolment, jaslu ghal verdett ta' htija anke fir-rigward it-Tielet Kap.

**37.** Dwar ir-Raba' Kap l-appellant jghid illi huwa kien ammetta l-pussess mal-ewwel, u spjega kif gie ghandu l-pussess u ghal liema raguni. Jghid li fuq dawn il-fatti storici hemm il-konferma ta' Francis Chappelle. Saret kontestazzjoni dwar l-aggravanti introdotta biss fil-parti akkuzatorja tal-Kap. Skond l-appellant, ma giet indikata l-ebda cirkostanza ta' fatt fil-parti espositiva li kienet ghall-inqas tohloq indizju tac-cirkostanza aggravanti li biha eventwalment instab hati. L-appellant isostni li hu seta' jinsab hati biss tal-pussess semplici ghaliex il-fatt li bih hu akkuzat hu ta' pussess semplici. Dak li hemm fil-parti espositiva jindika biss il-pussess. Il-kelma "kwantita`" mhix definita, u ghalhekk tista' tkun kbira u tista' tkun

[20] Para. 30 u 31.

zghira. Ghal darb'ohra ma saret l-ebda korrezzjoni fil-Kap. Ghalhekk illum hemm sentenza li tghid li kien hemm pussess materjali ta' cannabis, li necessarjament jimplika li xi kwantita` jrid ikun hemm, u dan il-pussess huwa aggravat, minghajr ma' l-Avukat Generali qal li hu aggravat jew ghaliex hu aggravat fil-parti espositiva.

**38.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant m'ghandux ragun. L-ewwelnett ir-reat hu wiehed – dak ta' pussess kontra l-ligi. Huwa mbaghad mic-cirkostanzi li l-Qorti trid tiddeduci jekk hijiex applikabbli l-aggravanti jew le. Issa, f'dan il-kaz il-pussess tar-raza hu marbut mal-fatt ta' traffikar. Difatti l-parti espositiva tar-Raba' Kap taqra hekk:

**"Fl-ahharnett, fil-perjodu li fuqu jittratta dan l-att ta' akkuza, Godfrey Ellul, kull darba li kien jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, wara li jkun ipprokuraha u akkwistaha minghand haddiehor, kien ikun fil-pussess xjenti tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**"L-ahhar darba li kien materjalment fil-pussess tar-raza kien proprju dakinhar tal-15 ta' Lulju 2002, u cioe` meta l-Pulizija dahlu minghajr pre-avviz fil-fond minnu okkupat u qabduh b'kwantita` ta' raza fil-pussess u taht il-kontroll tieghu."**

Konvenjentement fl-appell tieghu l-appellant ma jsemmix l-ewwel paragrafu. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa michud.

**39.** Konsegwentement l-aggravji kollha migjuba mill-appellant qeghdin jigu respinti u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena.

**40.** L-appellant isostni illi huwa kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Fl-istatement kien qal li eventwalment ser juri min ghaddielu kemm il-kokaina kif ukoll il-cannabis. Waqt il-guri, jghid l-appellant, "huwa wera bix-xiehda guramentata tieghu min kien ilu ghal zmien ibieghlu l-kokaina u hareg ukoll konferma

dokumentarja u l-verzjoni tieghu kienet ukoll korroborata. Li l-pulizija ghazlet li temmen il-verzjoni ta' persuna (Ciantar) bil-maqlub tal-veru, ma jistax jinghad li kellha dik l-informazzjoni. L-artikolu 29 tal-Kap. 101 ma fihx li min jilhaq jghid l-ewwel jirbah il-premju u l-impunita`." Imbaghad ikompli jghid l-appellant: "Ghalkemm l-esponenti ma kienx jibbenefika teknikament minn dak li gie depost fit-trattazzjoni tal-piena mill-Assistent Kummissarju Paul Debattista, is-Supretendent Neil Harrison u d-Direttur tal-Habs, u dan qalitu d-difiza stess, dwar ix-xiehda tieghu fil-qorti, dan il-beneficcju ghandu japplika. Mhux biss ta l-informazzjoni dwar dak li kien xtara huwa, imma wkoll dwar fatti rilevanti specjalment meta waqt il-konfront indika persuna ohra li kienet akkwistat b'Lm20,000 matul iz-zmien." Skond l-appellant, l-istess jinghad dwar il-cannabis fejn indika ghala din giet ghandu u minghand min, u ndika l-isem ta' wiehed Gharbi maghruf bil-kunjom Seif li kellu wkoll il-laqam Cikku. Ta wkoll deskrizzjoni tieghu tat-tul u partikolaritajiet ohra.

**41.** L-appellant jghid ukoll li l-piena, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, hi gravuza tenut kont tal-fatti kollha. L-eta` tieghu mhix wahda zghira. L-Avukat Generali ddeskrivieh bhala l-"king" tal-kokaina minghajr l-ebda fatt processwali. Il-komportament tieghu kien jindika li fehem sewwa s-sitwazzjoni li dahal fiha minhabba l-vizzju tieghu li stqarru mill-bidu fl-istatement. Huwa bniedem marid hafna u l-kaz gara zmien twil ilu. Il-fatt li ghadu qed jiskonta piena precedenti ghandu rilevanza wkoll. Fuq kollox ghandha tigi ridotta l-piena anke dwar il-cannabis u l-pussess taghha peress illi huwa zammha biss bhala rahan u ghaliex beza' minn Seif; fil-fatt instabet mhux mimsusa.

**42.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-**

**medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."**

Huwa ovvju li hawnhekk il-ligi qed tipprospetta zewg possibilitajiet: l-ewwel wiehed meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-process illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun ghenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, u t-tieni kaz, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba hatja, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-pulizija. Pero` biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' prigunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun <u>isemmi</u> l-persuna minghand min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament <u>ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna</u>. Jekk minkejja dik l-informazzjoni l-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diga` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma' mill-akkuzat, ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti facilment jigri li, biex persuna tnaqqas mill-piena taghha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies <u>li jistghu jkunu innocenti</u>, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li <u>diga` nqabdu in konnessjoni mal-bejgh ta' droga lilha</u>. Fil-kaz odjern la tirrizulta xi dikjarazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni li l-appellant ghen biex jinqabad min kien qieghed jipprovdilu d-droga u lanqas ma jirrizulta lill-Qorti mill-atti li hekk ghen lill-Pulizija.

**43.** Kwantu ghall-fatturi l-ohra, dawn kienu kollha kkunsidrati diga` mill-ewwel Qorti u din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa *s-social inquiry report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri, ma ssib xejn gdid li jista' b'xi mod jinfluwixxi fuq il-*quantum* tal-piena, li hija sew fil-parametri tal-ligi. Kull kura – medika jew xort'ohra – li huwa jehtieg tista' tinghatalu fl-ambitu tas-servizzi tal-

Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Konsegwentement l-aggravju dwar il-piena huwa wkoll michud.

**44.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b’dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum, u z-zmien sabiex l-Avukat Generali jindika permezz ta’ nota jekk id-droga hijiex mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri kriminali kontra terzi jibda wkoll jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------